31982R0620

L 75/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 19.3.1982

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 620/82

tas-16 ta' Marzu 1982

li jistabbilixxi, f'dak li għandhom x'jaqsmu bejniethom l-istituzzjonijiet Taljani u l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri l-oħra, miżuri speċjali għar-radd lura ta' benefiċċji ta' assigurazzjoni għal mard u maternità b'benefiċċji oħra.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikularment l-Artikolu 51 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, magħmula wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għal Ħaddiema Migranti,

Billi l-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju, 1971, dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għall-persuni mpjegati u għall-familji tagħhom li jmorru minn post għal ieħor fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2793/81 [2], jgħid li l-għoti tal-benefiċċji b'benefiċċji oħra mill-istituzzjoni ta' Stat Membru f'isem l-istituzzjoni ta' Stat Membru ieħor għandhom jintraddu lura kollha meta jkun hemm prova li sar infieq tassew jew meta l-ħlasijiet ikunu saru f'daqqa;

Billi l-Artikoli 93, 94, 95 u 100 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2793/81, li jiffissa regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, juru l-metodu kif jinħadmu l-ammonti li għandhom jintraddu lura u biex dan ir-radd lura ikun jista' jsir;

Billi t-twaqqif ta' servizz nazzjonali tas-saħħa fl-Italja ġab miegħu it-tmiem ta' l-għaqdiet kollha li kienu jmexxu assigurazzjoni għal mard u maternità, u l-aktar dik ta' l-"Istituto nazionale per l'assicurazione contro le malattie" (Istitut ta' Assigurazzjoni Nazzjonali kontra l-Mard), minn hawn 'il quddiem magħruf bħala l-INAM, li kien il-korp ta' kollegament u l-istituzzjoni kompetenti skond it-tifsira tar-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72;

Billi dan it-tmiem ġab miegħu, min-naħa l-waħda, diffikultajiet kbar fl-istħarriġ ta' talbiet mibgħuta mill-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri l-oħra, u, min-naħa l-oħra, fix-xogħol biex jitħejjew it-talbiet ta' l-INAM dwar l-imsemmija istituzzjonijiet, bil-għan li jintraddu lura l-ħlasijiet imsemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolamentent (KEE) Nru 1408/71;

Billi jidher li jkun aħjar li tinstab soluzzjoni għal din il-kwistjoni b'metodu wieħed tal-Komunità li jkun japplika fl-istess waqt għat-talbiet kollha mill-INAM u għaliha, sabiex titħaffef s-sistemazzjoni finali kollha ta' dawn it-talbiet;

Billi dan il-metodu għandu kemm jista' jkun ma jitbegħidx mid-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija tar-Regolament (KEE) Nru 574/72, u għandu jkun hemm kriterji oħra fl-istħarriġ ta' talbiet u djun jew regoli speċjali biss fejn dawn ikunu tassew meħtieġa,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet ta' Titolu V tar-Regolament (KEE) Nru 574/72, ir-radd lura msemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 ta' benefiċċji ta' assigurazzjoni b'benefiċċji oħra għal mard u maternità mogħtija sal-31 ta' Diċembru, 1980, mill-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri f'isem l-INAM, u mill-INAM f'isem l-imsemmija istituzzjonijiet, li ma ntlaqtux wara li ntemmet l-INAM, għandu jkun stabbilit u miġjub fis-seħħ skond il-proċedura msemmija f'dan ir-Regolament.

F'dak li għandhom x'jaqsmu bejniethom il-Ġermanja u l-Italja, dan ir-Regolament m'għandux japplika għat-talbiet u djun tal-"Cassa mutua proviniciale di malattia di Bolzano".

[1] ĠU L 149, tal-5.7.1971, p. 2.
[2] ĠU L 275, tad-29.9.1981, p. 1.
[3] ĠU L 74, tas-27.3.1972, p. 1.

L-Artikolu 2

L-ammonti li għandhom jintraddu lura skond l-Artikolu 93 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għandhom ikunu stabbiliti kif ser jingħad:

1. is-somom li l-istituzzjonijiet ta' l-Istati Membri talbu mingħand l-INAM fit-30 ta' Settembru, 1981, għal benefiċċji ta' l-istess xorta mogħtija sal-31 ta' Diċembru, 1980, imsejsa fuq provi dokumentati għandhom jingħabru flimkien, meħud kont ta' dawk li kienu ġew miċħuda umbagħad milqugħa;

2. is-somom li l-istituzzjonijiet ikunu għadhom jistgħu jitolbu skond l-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72, iżda li dwarhom ma jkunx hemm prova dokumentata, partikularment għall-benefiċċji mogħtija fl-1980, għandhom ikunu stmati; dawn għandhom jiżdiedu mas-somom imsemmija f'punt 1 hawn fuq;

3. din l-istima għandha tkun il-massimu għal kull Stat Membru; jekk il-prova dokumentata mibgħuta għall-INAM lill-Ministeru tas-Saħħa Taljan sat-30 ta' April, 1982 — id-data tat-timbru tal-posta titqies bħala d-data ta' meta tkun intbagħtet — tkun taqbel ma' ammont li ma jaqbiżx dan il-massimu, dan l-ammont għandu jintradd lura; iżda, jekk il-massimu jinqabeż, l-ammont li għandu jintradd lura għandu jkun daqs dan il-massimu;

4. is-somom mitluba mill-INAM li kienu mibgħuta għat-talbiet għas-snin finanzjarji sa l-1976 għandhom jingħabru flimkien, meħud kont ta' dawk li kienu ġew miċħuda umbagħad milqugħa;

5. l-ammonti ta' talbiet ta' l-INAM għas-snin finanzjarji 1977 sa 1980 għandhom ikunu stabbiliti billi jkunu kkalkolati l-ammonti mħallsa lura lill-INAM għas-snin finanzjarji mill-1973 sa l-1976; iżda fil-każ tal-Ġermanja, l-ammont meħud għas-sena finanzjarja 1977 għandu jkun dak li jkun jaqbel ma' l-ammont imsejjes fuq il-prova dokumentata li l-Ministeru Taljan ikun għadda lill-korp ta' kollegament Ġermaniż.

L-Artikolu 3

L-ammonti li għandhom jintraddu lura skond l-Artikolu 94 u 95 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għandhom ikunu stabbiliti kif ser jingħad:

1. is-somom sħaħ stabbiliti għall-benefiċċji mogħtija sa l-1979 għandhom jingħabru flimkien, meħud kont ta' dawk li kienu ġew miċħuda umbagħad milqugħa;

2. is-somom sħaħ għal benefiċċji mogħtija fl-1980 għandhom ikunu stmati skond l-għadd medju annwali ta' familji u l-għadd medju annwali ta' pensjonijiet milquta bl-Artikoli 94 u 95 rispettivament tar-Regolament (KEE) Nru 574/72; dawn l-għadd għandhom jinkisbu b'istħarriġ tat-tagħrif li hemm għas-snin 1977, 1978 u 1979;

3. f'dak li għandhom x'jaqsmu bejniethom il-Ġermanja u l-Italja, talbiet u djun u ż-żmien li fih kellha ssir sistemazzjoni għandhom jitqiesu skond l-Anness II.

L-Artikolu 4

1. L-ammonti tat-talbiet stabbiliti skond l-Artikoli minn 1 sa 3 għandhom jingħabru flimkien, għal kull Stat Membru, fil-munita ta' dak l-Istat, kif kienet fil-31ta' Diċembru 1981.

2. Għall-fini ta' att ta' tpaċija, l-ammonti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom umbagħad jinqalbu f'liri Taljani sabiex l-awtorità kompetenti Taljana tkun tista ssir taf bil-bilanċ li jkollha tħallas.

3. Il-bidla għandha ssir bir-rata tal-kambju uffiċjali tal-31 ta' Diċembru, 1981, stabbilita mill-Kummissjoni fil-qafas tas-sistema monetarja Ewropea.

L-Artikolu 5

1. Meħud kont tal-punt 3 ta' l-Artikolu 2, l-ammont paċut skond l-Artikolu 4 għandu jintwera fil-munita nazzjonali tal-pajjiż kreditur u għandu jitħallas lura f'dik il-munita.

2. Għall-bidla ta' muniti għall-fini li jsiru l-ħlasijiet lura skond il-paragrafu 3, ir-rata tal-kambju applikata għandha tkun dik valida fil-jum tal-ħlas.

3. Il-ħlasijiet lura dovuti għandhom isiru mill-korpi ta' kollegament kif ġej:

— fil-31 ta' Marzu 1982, 15 sa 20 % ta' l-ammont dovut,

— fit-30 ta' Ġunju 1982, 50 % tal-bilanċ li jkun għadu dovut,

— fil-31 ta' Diċembru 1982, il-bilanċ li jkun għadu ma tħallasx.

L-Artikolu 6

1. L-applikazzjoni ta' l-Artikoli minn 1 sa 5 għandha tikkostitwixxi sistemazzjoni tal-kontijiet. Din is-sistemazzjoni tal-kontijiet għandha wkoll tiġbor fiha l-ammonti msemmija fil-ftehim ta' rinunzja jew ftehim oħra li ġa saru jew li għad iridu jsiru.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72, l-ebda talba għal ħlas lura dwar il-benefiċċji msemmija f'dan ir-Regolament ma tista' tintbagħat wara t-30 ta' April 1982.

3. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex dan ir-Regolament ikun applikat, partikolarment dwar dak li għandu x'jaqsam mal-passaġġ mill-bilanċ nazzjonali, stabbilit fuq il-livell tal-Komunità, għas-sistemazzjoni tal-kontijiet ta' l-istituzzjonijiet konċernati.

L-Artikolu 7

1. L-ammonti tat-talbiet għal kull Stat Membru stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli minn 2 sa 5 huma murija fl-Anness I.

2. Il-proċedura li l-istituzzjonijiet Ġermaniżi għandhom jimxu fuqha biex jistabbilixxu l-ammonti li għandhom iroddu lura u biex iqassmu l-ammonti li għandhom jitħallsu hija msemmija fl-Anness II.

L-Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Marzu, 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Marzu 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

P. de KEERSMAEKER

L-ANNESS I

Dikjarazzjoni ta' pretensjonijiet minn u għall-INAM (Italja) dwar benefiċċji ta' l-istess xorta mogħtija sal-31 ta' Diċembru 1980 inkluż.

Sistemazzjoni ta' kontijiet kif kienu fil-31 ta' Diċembru 1981.

Ammonti stabbiliti skond l-Artikoli 2, 3 u 4.

I. L-ITALJA bħala debitur **II. L-ITALJA bħala kreditur**

A. Il-BELĠJU bħala kreditur B. IL-BELĠJU bħala debitur

L-Artikolu	L-Ammonti (Bfrs)	L-Ammonti (Lit)
2, punti 1, 4 u 5	747 427 908	2 381 011 627
2, punt 2	66 190 047	—
3, punt 1	483 815	1 011 732 004
3, punt 2	249 407 807	12 123 931 379
4(1) (TOTAL)	1 063 509 577	15 516 675 010
	(Lit)	
4(2)	33 208 831 000 – 15 516 675 010	15 516 675 010
	17 692 155 990	—
5(1)	566 589 570 (Bfrs)	—

Ċ. ID-DANIMARKA bħala kreditur D. ID-DANIMARKA bħala debitur

RINUNZJA

(Ftehim ta' rinunzja biex ikun iffirmat)

E. Il-ĠERMANJA bħala kreditur F. Il-ĠERMANJA bħala debitur

L-Artikolu	L-Ammonti (DEM)	L-Ammonti (Lit)
2, punti 1, 4 u 5	43 976 412	27 831 565 224
2, punt 2	6 023 588	—
3, punt 1 } (1)	.	.
3, punt 2 } (1)	.	.
4(1) (TOTAL)	(50 000 000)	(27 831 565 224)
	(Lit)	
4(2)	26 664 850 000	(27 831 565 224) — (26 664 850 000)
	—	(1 166 715 224)
5(1)	.	.

(1) L-Ammonti li għandhom ikunu iddeterminati mill-korpi mexxejja Ġermaniżi sat-30 ta' Settembru 1982.

G. FRANZA bħala kreditur H. FRANZA bħala debitur

L-Artikolu	L-Ammonti (FRF)	L-Ammonti (Lit)
2, punti 1, 4 u 5	523 004 819	1 299 250 076
2, punt 2	81 593 356	2 754 450 000
3, punt 1	50 330 885	14 988 420 084
3, punt 2		
4(1) (TOTAL)	654 929 060	19 042 120 160
		– 808 895 630 (1)
4(2)	(Lit)	
	137 661 503 910	18 233 224 530
	– 18 233 224 530	
	119 428 279 380	—
5(1)	568 183 900 (FRF)	—

(1) Ħidma ta' rikumpens ta' qabel.

I. L-IRLANDA bħala kreditur J. L-IRLANDA bħala debitur

RINUNZJA

(Ftehim ta' rinunzjatur għandu jiġi iffirmat)

K. Il-LUSSEMBURGU bħala kreditur L. Il-LUSSEMBURGU bħala debitur

L-Artikolu	L-Ammonti (Lfrs)	L-Ammonti (Lit)
2, punti 1, 4 u 5	9 057 823	171 081 660
2, punt 2	—	
3, punt 1	7 707 530	188 287 740
3, punt 2		431 319 035
4(1) (TOTAL)	16 765 353	790 688 435
4(2)	(Lit)	
	523 509 885	790 688 435
		– 523 509 885
	—	267 178 550
4(1)	—	267 178 550

M. L-OLANDA bhala kreditur N. L-OLANDA bhala debitur

L-Artikolu	L-Ammonti (Fl)	L-Ammonti (Lit)
2, punti 1, 4 u 5	5 150 315	372 447 205
2, punt 2	—	
3, punt 1	28 862	238 347 410
3, punt 2	104 909	261 020 350
4(1) (TOTAL)	5 284 086	871 814 965
		(Lit)
4(2)	2 567 257 330 – 871 815 965	871 815 965
	1 695 441 365	—
5(1)	3 489 660 (Fl)	—

O. IR-RENJU UNIT bhala kreditur P. IR-RENJU UNIT bhala debitur

L-Artikolu	L-Ammonti (£)	L-Ammonti (Lit)
2, punti 1, 4 u 5	522 197.66	801 967 351
2, punt 2	—	—
3, punt 1	810 878.64	2 222 176 221
3, punt 2	274 467.41	804 568 514
4(1) (TOTAL)	1 607 543,71	3 828 712 086
		(Lit)
4(2)	3 698 958 077	3 828 712 086 – 3 698 958 077
	—	129 754 000
5(1)	—	129 754 000

ĠABRA FIL-QOSOR TA' L-OPERAZZJONIJIET TA' TPAĊIJA F'LIRE

I. L-ITALJA bhala debitur II. L-ITALJA bhala kreditur

IL-Kreditur	L-Ammonti (Lit)	Id-Debitur	L-Ammonti (Lit)
Il-BELĠJU	17 692 155 990	Il-ĠERMANJA	(1 166 715 224)
FRANZA	119 428 279 380	IL-LUSSEMBURGU	267 178 550
L-OLANDA	1 695 441 365	IR-RENJU UNIT	129 754 000
Total	138 815 876 735	Total	(1 563 647 774)
L-Total I — Total II			

L-ANNESS II

Ir-Regoli ta' proċedura għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 3, punt 3 u l-Artikolu 7(2)

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw biex ikunu stabbiliti u jintraddu lura l-ħlasijiet taħt l-Artikoli 94 u 95 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 f'dak li għandhom x'jaqsmu bejniethom il-Ġermanja u l-Italja:

   (a) ħlasijiet f'somom sħaħ taħt l-Artikolu 94 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 sa l-1980 għandhom ikunu stabbiliti skond it-Titolu V ta' dak ir-Regolament u skond il-Ftehim bejn il-Ġermanja u l-Italja tal-5 Novembru ta' l-1968;

   (b) ħlasijiet f'somom sħaħ taħt l-Artikolu 95 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għandhom ikunu stabbiliti għal talbiet Taljani sa l-1979 u talbiet Ġermaniżi sa l-1980, skond it-Titolu V ta' dak ir-Regolament;

   (ċ) ħlasijiet f'somom sħaħ dovuti lill-Italja taħt l-Artikolu 95 tar-Regolament Nru 574/72 għall-1980 għandhom ikunu stabbiliti b'kalkolu tas-sistemazzjoni ta' ħlasijiet f'somom sħaħ bejn l-istituzzjonijiet Ġermaniżi u Taljani għall-perjodu 1977, 1978 u 1979, meħud kont tar-reġistru tal-pensjonanti ta' l-Allgemeine Ortskrankenkasse Bonn (Fond Ġenerali Lokali ta' Bonn għal Mard) mill-1977 sa l-1980;

   (d) talbiet għandhom ikunu kkalkolati mill-korpi ta' kollegament Ġermaniżi sat-30 ta' Settembru 1982, u magħluqa sal-31 ta' Diċembru 1982.

2. L-ammont imsemmi f'Anness I ta' dan ir-Regolament, bħala d-dejn ta' l-istituzzjonijiet Ġermaniżi taħt l-Artikolu 93 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72, għall-perjodu mill-1977 sa l-1980, għandu jkun imqassam mill-Bundesverband der Ortskrankenkassen (Federazzjoni Nazzjonali ta' Fondi Lokali għal Mard), fil-kapacità tagħha ta' korp ta' kollegament bejn it-tipi varji ta' istituzzjonijiet ta' assigurazzjoni Ġermaniżi għal mard fil-proporzjonijiet li jirriżultaw mis-sistemazzjonijiet magħmulin bejn l-1973 u l-1976. Skond it-tipi varji ta' fondi, it-tqassim għandu jkun magħmul skond l-għadd ta' membri fl-1980, eskluż l-pensjonanti;

3. L-ammont stabbilit bħala d-dejn ta' l-istituzzjonijiet Ġermaniżi taħt l-Artikolu 95 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għall-1980 għandu jkun sistemat mill-Allgemeine Ortskrankenkasse Bonn (Fond Ġenerali Lokali ta' Bonn għal Mard) f'isem l-istituzzjonijiet ta' assigurazzjoni Ġermaniżi kollha għal mard, bl-eċċezzjoni tal-Bundesknappschaft (Fond ta' Assigurazzjoni Federali għal Ħaddiema tal-Minjieri) u tal-fondi għal mard agrikolu. Is-somom li għandhom jitħallsu mill-Bundesknappschaft u mill-fondi għal mard agrikolu għandhom ikunu stabbiliti mill-Bundesverband der Ortskrankenkassen (Federazzjoni Nazzjonali ta' Fondi Lokali għal Mard), fil-kapaċita' tagħha ta' korp ta' kollegament, skond kalkolu msejjes fuq il-figuri għall-perjodu 1977, 1978 u 1979.